FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' JANNAR 2001

Rikors Nru 1906/98DM

Peter u Myriam konjugi Demanuele

vs

Lawrence Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm366.38) rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tat-28 ta' Jannar, 1998 gewwa M'Scala, bejn il-vettura numru AAF 116 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru TFC 336 misjuqa mill-attrici Myriam Demanuele u propjeta tal-atturi, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uffficjali tat-18 ta' Marzu, 1998 u tal -ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Grech fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident 'de quo' kienet unikament responsabbli l-istess attrici Myriam Demanuele stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal 26 ta' Mejju 2000 fejn il-konvenut iddikjara li qed jikkontesta biss ir-responsabbilta  u mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process ; u

Ikkunsidrat:

Illi l-provi dwar kif grat il-kollizzjoni huma d-deposizzjonijiet tas-sewwieqa u l-isketch tal-Pulizija u lkoll jikkonfermaw li kien il-konvenut li dahal go wara tal-vettura tal-atturi waqt li kienu miexjin fl-istess direzzjoni u l-attrici naqqset il-velocita’ u waqfet biex iddur fuq il-lemin taghha.

Ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut li jipprova xi manuvra irregolari tal-attrici li kkreatlu xi ostkolu insuperabbli li sewwieq attent ma setghax jevita.

Hija ghal kollox irrilevanti jekk l-attrici setghet iddur fuq il-lemin taghha jew le, billi it-triq hija ghat-tul u kienet toffri viswali tajba lil sewwieq attent li ried jevita l-ostakolu jekk is-sewqan tal-vettura quddiem kien wiehed ghaqli u l-manuvra kienet aspettata.

Ghalhekk il-konvenut irid jipprova sewqan sorprendenti tal-attrici li ma ppermettietlux azzjoni evaziva nonostante grad ta attenzjoni rikjest minnhu.

Izda dan il-konvenut ma ppruvahx infatt lanqas ma jeskludi li l-ewwel naqas il-velocita’ qabel ma waqfet u li seta kellha anke l-‘indicators’ mixghulin.

Ghaldaqstant, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi  is-somma mitluba ta tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm366.38) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghax legali mit-18 Ta Marzu 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

CIV 18

1906/98DM